KAMRA TAD-DEPUTATI HOUSE OF REPRESENTATIVES
PARLAMENT TA' MALTA

L-ERBATAX-IL LEĠIŻLATURA

P.L. 0207

Dokument imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Numru 13 tal-1 ta' Ġunju 2022 mill-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia.

______________________________

Raymond Scicluna
Skrivan tal-Kamra

**INVESTIGAZZJONIJIET PENDENTI QUDDIEM L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA**

**2. L-ONOR. KAROL AQUILINA jistaqsi lill-Ispeaker:** Jista' l-Ispeaker jgħid kemm-il talba għal investigazzjoni għandu pendenti quddiemu l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika? Jista' l-Ispeaker jgħid dwar xiex inhi kull waħda minn dawn it-talbiet għal investigazzjoni, meta saret u minn min saret it-talba għal investigazzjoni, u dwar liema minnhom l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika għadu ma bediex l-investigazzjoni?

08.05.2022

**SPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Is-Sedja hija infurmata li b'referenza għall-mistoqsija numru 45 imressqa mill-istess Onor. Interpellant fit-Tlettax-il Leġiżlatura, mill-erba' investigazzjonijiet li kienu pendenti skont it-tweġiba datata 23 ta' Jannar 2020, fadal pendenti biss it-tielet volum tal-investigazzjoni dwar il-kuntratt mal-Vitals Global Healthcare, li jirrifletti l-perjodu minn meta sar il-ftehim ma' Steward Healthcare li assumew responsabbiltà tal-kuntratt mingħand Vitals Global Healthcare. Il-ħsieb tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika hu li dan ir-rapport ikun ippubblikat għall-ħabta ta' Settembru li ġej.

L-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika jiddikjara wkoll li minn dakinhar ma kellux xi talba oħra għal investigazzjoni mill-Kumitat dwar il-Kontijiet Pubbliċi jew mill-Ministru tal-Finanzi.